**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-1 ta' Lulju 2009 — KG Holding et vs Il-Kummissjoni**

**(Kawżi magħquda T-81/07, T-82/07, u T-83/07)** [1]

***("Għajnuna mill-Istat — Għajnuna għar-ristrutturar mogħtija mill-awtoritajiet Olandiżi lil KG Holding NV — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-suq komuni u li tordna l-irkupru tagħha — Rikors għal annullament — Inammissibbiltà parzjali — Irkupru tal-għajnuna mingħand impriżi benefiċjarji li ġew iddikjarati falluti — Linji gwida Komunitarji għall-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u għar-ristrutturar ta' impriżi f'diffikultà")***

(2009/C 193/27)

*Lingwa tal-kawża: L-Olandiż*

**Partijiet**

*Rikorrent fil-Kawża T-81/07:* Jan Rudolf Maas, fil-kapaċità tiegħu bħala stralċatur ta' KG Holding NV (Rotterdam, l-Olanda) (rappreżentanti: G. van der Wal u T. Boesman, avukati)

*Rikorrenti fil-Kawża T-82/07:* Jan Rudolf Maas u Cornelis van den Bergh, fil-kapaċità tagħhom bħala stralċaturi ta' Kliq BV (Rotterdam) (rappreżentanti: G. van der Wal u T. Boesman, avukati)

*Rikorrenti fil-Kawża T-83/07:* Jean Leon Marcel Groenewegen, fil-kapaċità tiegħu bħala stralċatur ta' Kliq Reïntegratie (Utrecht, l-Olanda) (rappreżentanti: G. van der Wal u T. Boesman, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: H. van Vliet, aġent)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/939/KE tad-19 ta' Lulju 2006, dwar l-iskema ta' għajnuna nnotifikata mill-Olanda favur KG Holding NV (ĠU L 366, p. 40).

**Dispożittiv**

1) *L-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/939/KE, tad-19 ta' Lulju 2006, dwar l-iskema ta' għajnuna nnotifikata mill-Olanda favur KG Holding NV huwa annullat.*

2) *Il-bqija tar-rikorsi huma miċħuda.*

3) *Jan Rudolf Maas, fil-kapaċità tiegħu bħala stralċatur ta' KG Holding NV, għandu jbati l-ispejjeż tiegħu fil-Kawża T 81/07.*

4) *Jan Rudolf Maas u Cornelis van den Bergh, fil-kapaċità tagħhom bħala stralċaturi ta' Kliq BV, għandhom ibatu l-ispejjeż kollha tagħhom fil-Kawża T-82/07.*

5) *Jean Leon Marcel Groenewegen, fil-kapaċità tiegħu bħala stralċatur ta' Kliq Reïntegratie, għandu jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu fil-kawża T-83/07, dawk sostnuti mill-Kummissjoni fil-Kawża T-83/07.*

6) *Il-Kummissjoni għandha tbati l-ispejjeż tagħha fil-Kawżi T-81/07 u T-82/07.*

[1] ĠU C 117, 29.5.2007.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-2 ta' Lulju 2009 — Euro-Information vs UASI (Rappreżentazzjoni ta' id iżżomm kard bi tliet trijangoli)**

**(Kawża T-414/07)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva li tirrappreżenta id iżżomm kard bi tliet trijangoli — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)")***

(2009/C 193/28)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Européenne de traitement de l'information (Euro-Information) (Strasbourg, Franza) (rappreżentanti: P. Greffe, M. Chaminade u L. Paudrat, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: O. Montalto et R. Bianchi, aġenti)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tas-6 ta' Settembru 2007 (Każ R 290/2007-1) li tiċħad l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni bħala trade mark Komunitarja ta' sinjal li jirrappreżenta id iżżomm kard bi tliet trijangoli

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Il-Européenne de traitement de l'information (Euro-Information) hija kkundannata għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 22, 26.1.2008.